# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 4/2012**

**MARTIN SPITERI f'ismu proprju u bhala direttur tas-socjeta Car Clinic VRT Station**

**Vs**

**TRANSPORT MALTA gja AWTORITA DWAR IT-TRASPORT**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva tat-13 ta' Mejju 2011 fejn gie deciz:-

"***It-Tribunal,***

*Ra r-Rikors ipprezentat minn Martin Spiteri f'ismu personali u bhala direttur tas-socjetà Car Clinic VRT Station fil-31 ta' Jannar 2011 permezz ta' liema*

*jitlob ir-revoka tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata datata 3 ta' Jannar 2011 [minnu erronejament indikata fir-Rikors bhala t-3 ta' Jannar 2010] li biha tnaqqsulu sebghin (70) punt ta' penalità u giet imposta fuqu multa amministrattiva ta' €770, ghaliex instab li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuq l-operaturi bir-Regolamenti dwar testijiet biex jiccertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba ghat-triq – Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Huwa jibbaza t-talba tieghu fuq il-kontestazzjoni li din id-decizjoni hija afflitta b'nuqqasijiet amministrattivi serjissimi, senjatament nuqqas ta' investigazzjoni u verifika, li wasslu lill-Awtorità intimata biex tikser id-dritt tieghu ghal process ekwu u gust;*

*Ra ir-Risposta ta' l-Awtorità intimata permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-rikorrenti ghaliex: (i) in linea preliminari l-appell sar fuori termine billi skond il-Parti VI, Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, persuna li thoss ruhha aggravata minn decizjoni ta' l-Awtorità ghandha dritt tappella quddiem dan it-Tribunal fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill-avviz tad-decizjoni; (ii) id-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; (iii) l-Avviz Legali 90 ta' l-2010 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 huma ligijiet tassattivi fis-sens li una volta li persuna tikser il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur, l-Awtorità intimata ghandha idejha marbutin bil-ligi peress illi l-ligi timponi fuqha li tali persuna ghandha tinghata punti ta' penalità u thallas il-multa amministrattiva korrispondenti; u ghaliex (iv) malli l-Awtorità intimata giet a konoxxenza tal-fatti migjuba quddiemha, u dana wara li kienet saret spezzjoni fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCN-851, hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-Ligi;*

*Ra d-dokument a fol. 4 tal-process, ossia l-Avviz ta' l-Awtorità intimata lir-rikorrent datat 3 ta' Jannar 2011 dwar id-decizjoni mehuda kontra tieghu, u ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz;*

*Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità intimata u cioè li l-appell tar-rikorrent sar fuori termine.*

***Ikkonsidra:***

*In vista ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità intimata illi tattakka l-validità intrinsika ta' l-appell odjern, it-Tribunal huwa tal-fehma li nonostante dak dispost fl-Artikolu 3(2)(b) u l-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa opportun li tinghata decizjoni dwar il-kwistjoni sollevata b'din l-eccezzjoni qabel ma jigi trattat il-mertu ta' l-appell interpost mir-rikorrent. Il-partijiet kontendenti huma ukoll ta' din il-fehma billi waqt is-seduta ta' l-14 ta' April 2011 gie espressament dikjarat li in vista ta' l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-Awtorità intimata, qed tigi trattata din l-eccezzjoni u l-kaz effettivament thalla ghad-decizjoni fuq din l-eccezzjoni preliminari.*

*Il-kaz odjern isib l-origini tieghu fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 – Regolamenti dwar testijiet biex jiccertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba ghat-triq – stante li qed tigi kontestata decizjoni ta' l-Awtorità intimata li biha lir-rikorrent tnaqqsulu sebghin (70) punt ta' penalità u giet imposta fuqu multa amministrattiva ta' €770, ghaliex instab li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuq l-operaturi bl-imsemmija Regolamenti. Din id-decizjoni inharget mill-Awtorità intimata ai termini tar-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.*

*Id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ggib id-data tat-**3 ta' Jannar 2011** – ghad illi fil-korp tar-Rikors ir-rikorrent erronejament indika d-data tad-decizjoni bhala 3 ta' Jannar 2010 – u ir-Rikors in ezami gie pprezentat fil-**31 ta' Jannar 2011**, jigifieri 28 gurnata wara d-data tad-decizjoni ta' l-Awtorità. L-Awtorità intimata ghalhekk tikkontendi li dan l-appell sar fuori termine in kwantu gie pprezentat oltre t-terminu ta' 21 gurnata mill-avviz tad-decizjoni stipulat fir-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.*

*Ir-Regolament citat mill-Awtorità intimata jipprovdi li persuna li thoss ruhha aggravata minn decizjoni ta' l-Awtorità li ma taghtix jew ma ggeddidx, jew li tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni, jew li timponi kundizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet fiha jew dwarha, li thassar dik il-persuna mir-registru ta' persuni li jittestjaw, ikollha d-dritt li, fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mill-avviz tad-decizjoni, tappella quddiem it-Tribunal.*

*Fil-fehma tat-Tribunal id-dritt ta' appell minn decizjoni ta' l-Awtorità intimata moghtija ai termini tar-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, li tnaqqas lill-operatur jew tester punti ta' penalità u timponi fuqu multa amministrattiva ghaliex ikun kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu bir-Regolamenti imsemmija – bhalma hi appuntu d-decizjoni mertu tal-kontestazzjoni – ma johrogx mir-Regolament 22 ta' dawk ir-Regolamenti. Minn qari akkurat ta' l-istess Regolament jirrizulta li d-dritt ta' appell hemm kontemplat huwa biss minn dawn id-decizjonijiet ta' l-Awtorità: (i) decizjoni li biha ma taghtix jew ma ggeddidx, jew li tissosspendi jew tirrevoka* ***awtorizzazzjoni*** *jew li timponi kundizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet fiha jew dwarha; u (ii) decizjoni li* ***thassar lill-appellant mir-registru ta' persuni li jittestjaw****.*

*Ghalkemm ir-Regolament 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 jipprovdi li l-multa amministrattiva ghandha tithallas fi zmien disghin gurnata wara li jghaddu l-wiehed u ghoxrin gurnata min-notifika tal-vjolazzjoni fejn ma jkunx sar appell mill-operatur jew fi zmien disghin gurnata mid-data tad-decizjoni finali moghtija mill-bord ta' l-appelli fejn ikun sar appell mill-operatur – ma jfissirx li appell minn decizjoni moghtija mill-Awtorità intimata ai termini tar-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 jista' jigi interpost ghal quddiem dan it-Tribunal bis-sahha tar-Regolament 22 ta' dik l-istess Legislazzjoni Sussidjarja. Ladarba l-imsemmi Regolament jipprovdi dwar id-dritt ta' appell minn decizjonijiet specifici ta' l-Awtorità intimata, u d-decizjoni*

*moghtija ai termini tar-Regolament 21(2) ma hijiex inkluza maghhom, dak fih dispost ma jistax jigi estiz biex ikopri u b'hekk japplika ghal din it-tip ta' decizjoni.*

*Originarjament id-dritt ta' appell minn decizjonijiet ta' l-Awtorità intimata moghtija ai termini tar-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kien regolat bir-Regolament 22 ta' l-istess Legislazzjoni Sussidjarja. Bis-sahha ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008 t-Taqsima VI tar-Regolamenti principali kienet giet sostitwita b'Taqsima gdida u r-Regolament 22 kien jiddisponi li meta operatur jew persuna li jkollha licenza biex tittestja, jinhargilha avviz dwar ksur tal-kundizzjonijiet, bil-posta registrata, dak l-operatur jew persuna li jkollha licenza biex tittestja jkollha d-dritt li, fi zmien 30 gurnata minn meta tircievi dak l-avviz, tappella quddiem il-bord ta' appelli mwaqqaf skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Dan ir-Regolament però gie sostwit bir-Regolament attwali bis-sahha ta' l-Avviz Legali 90 ta' l-2010 fejn, jigi ribadit, dan it-tip ta' decizjonijiet ma gewx inkluzi.*

*Ghandu dan allura jfisser li ma hemmx dritt ta' appell minn din it-tip ta' decizjoni ta' l-Awtorità intimata jew li t-Tribunal ma ghandux jindaga ulterjorment biex jistabilixxi jekk l-appell in kwistjoni giex ipprezentat fuori termine?*

*Fid-dawl ta' dak dispost fl-Artikolu 5(12)(h) ta' l-Att dwar Servizzi li Jinghataw fis-Suq Intern, Kap.500 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl tal-principu guridiku enuncjat fis-sentenza* ***Paul M. Cassar et v. Victoria Tabone et, Appell Civili Nru. 2/99*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003, ir-risposta ghal dawn il-kweziti hija bla dubju ta' xejn fin-negattiv.*

*Ghal kull buon fini jinghad illi Artikolu 5(12)(h) tal-Kap.500 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li hlief fil-kaz tal-ghoti ta' awtorizzazzjoni, decizjoni minn awtorità kompetenti, inkluzi tigdid jew l-irtirar, ghandha tkun ghal kollox*

*motivata u tista' tigi kontestata quddiem il-Bord ta' l-Appelli – li a tenur ta' l-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi tfisser il-bordijiet tal-appelli, tribunali jew qrati stabbiliti bil-ligi, fejn persuna aggravata tkun tista' tirrikorri wara decizjoni ta' xi awtorità kompetenti, u l-principju guridiku enuncjat fl-imsemmija sentenza* ***Cassar v. Tabone*** *huwa li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalità u nullità tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti [jew mit-Tribunali] ex officio ... In-nullità tattakka l-att innfisu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti [jew it-Tribunali] li allura jehtigilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun giet migjuba a konoxxenza taghha.*

*Fil-fehma tat-Tribunal id-dritt li jigi interpost appell minn decizjoni ta' l-Awtorità intimata moghtija ai termini tar-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, johrog mill-Artikolu 40(1) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta – li jiddisponi illi: It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeciedi: (a) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorità li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissosspendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew licenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskulzjonijiet f'licenza; u (b)* ***appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort' ohra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità1****: Izda, sakemm mhux preskritt*

*bil-ligi,* ***appell li jigi prezentat fi zmien ghoxrin gurnata minn meta tkun giet ricevuta d-decizjoni tal-Awtorità.***

*It-terminu prefiss f'dan l-Artikolu tal-Ligi biex jigi interpost appell ghal quddiem dan it-Tribunal minn decizjoni ta' l-Awtorità li biha tigi imposta piena amministrattiva jew penalità xort' ohra, huwa wiehed car:* ***ghoxrin gurnata minn meta tkun giet ricevuta d-decizjoni ta' l-Awtorità****,* ***sakemm ma huwiex preskritt mod iehor bil-Ligi****.*

*Ladarba t-terminu ta' 21 gurnata stabbilit fir-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ma japplikax ghad-decizjoni moghtija mill-Awtorità intimata ai termini tar-Regolament 21(2) ta' l-istess Legislazzjoni Sussidjarja, necessarjament isegwi li t-terminu applikabbli ghal appell minn tali decizjoni huwa ta' 20 gurnata minn meta l-appellant ikun ircieva dik id-decizjoni, prefiss fl-Artikolu 40(1)(b) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*It-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' dak sottomess mir-rikorrent li f'dan il-kaz ghandu jigi applikat it-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi huwa seta' jinterponi appell ghal quddiem dan it-Tribunal fi zmien sitt minn meta sar jaf bid-decizjoni ta' l-Awtorità. L-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar proceduri ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva istitwiti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u ghalkemm sa' certu punt tali proceduri jistghu jitqiesu bhala paralleli ghal proceduri istitwibbli quddiem dan it-Tribunal, huma xorta wahda ghal kollox distinti minn xulxin u t-termini applikabbli ghall-azzjoni ghall-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva istitwibbli quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ma jistghux u ma ghandhomx jigu estizi ghall-proceduri istitwibbli w istitwiti quddiem dan it-Tribunal.*

*Stabbilit illi t-terminu entro liema r-rikorrent seta' jinterponi appell mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata moghtija ai termini tar-Regolament 21(2) tal-*

*Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kien ta' 20 gurnata minn meta rcieva dik id-decizjoni, jehtieg issa jigi determinat jekk l-appell in kwistjoni huwiex fuori termine jew le.*

*Kif già iktar 'l fuq osservat id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata hija datata* ***3 ta' Jannar 2011*** *u l-appell odjern gie intavolat fil-****31 ta' Jannar 2011*** *– jigifieri* **28 gurnata wara li nghatat id-decizjoni**. *It-terminu ta' l-appell però jibda jiddekorri minn dakinhar li l-appellant ikun ircieva d-decizjoni kontestata u in bazi ghal dan il-fatt ir-rikorrent jikkontendi li l-appell tieghu ma jistax jitqies li sar fuori termine ghaliex l-Awtorità intimata ma ressqitx prova dwar meta huwa effettivament ircieva d-decizjoni taghha.*

*It-Tribunal però ma jaqbilx ma din il-kontestazzjoni tar-rikorrent. Fil-fehma tieghu una volta li jirrizulta li bejn id-data tad-decizjoni u d-data meta gie intavolat l-appell ghaddew ben* **28** *gurnata, kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova illi huwa ircieva d-decizjoni kontestata* **tmint ijiem** *wara li nharget, u li ghalhekk l-appell tieghu gie intavolat entro t-terminu prefiss fil-Ligi: prova din però li ma saritx.*

*Ai termini tar-Regolament 34 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 hlief kif provdut xort' ohra f'dawn ir-regolamenti, kull notifika mahruga mill-Awtorità lill-operaturi ghandha tintbaghat bil-posta jew bil-facsimile lill-operaturi fl-istazzjon.*

*Fil-kaz in ezami ma jirrizultax kif id-decizjoni in kwistjoni ntbaghtet lir-rikorrent – u cioè jekk hux bil-posta jew bil-facsimile. Li jirrizulta fic-cert hu li din id-decizjoni effettivament giet notifikata lir-rikorrent. Jekk id-decizjoni giet trasmessa lir-rikorrent bil-facsimile, il-probabilità hi li jkun irceviha dakinhar li nharget u cioè fit-3 ta' Jannar 2011. Jekk invece ibaghatet lilu bil-posta – anke jekk mhux registrata – huwa ghal kwantu improbabbli li tkun damet ben tmint ijiem biex giet konsenjata lilu. Ghalhekk thares minn fejn thares lejn il-kaz*

*in ezami, jirrizulta li l-appell interpost mir-rikorrent gie effettivament intavolat oltre t-terminu ta' 20 gurnata minn meta rcieva d-decizjoni ta' l-Awtorità, u ghalhekk l-appell tieghu sar fuori termine.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddikjara li l-appell tar-rikorrenti gie intavolat fuori termine u konsegwentement ghandu jitqies irritu u null u bla ebda effett fil-Ligi. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jiehu konjizzjoni tal-mertu tar-Rikors tar-rikorrent u jordna li jigi kkancellat minn fuq il-listi.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-rikorrenti.*

Illi l-appellanti Martin Spiteri appella minn dina id-decizjoni abbazi ta' aggravvju wiehed li jattakka id-decizjoni mehuda mit-Tribunal illi l-appell interpost minnu fil-konfront tad-decizjoni ta'l-Awtorita dwar it-Trasport kien gie intavolat tardivament u ghalhekk kien *fuori termine.* Dan ghaliex isostni illi meta huwa ressaq l-appell tieghu quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva t-terminu stabbilit fil-ligi kien ghadu ma iddekorriex. Illi ghalkemm id-decizjoni ittiehdet fit-03 ta' Jannar 2011, din giet innotifikata lilu granet wara u ghalhekk huwa intavola l-appell tieghu minn din id-decizjoni fit-terminu statutorju ta' ghoxrin jum koncess mid-data meta id-decizjoni tkun giet notifikata lill-persuna aggravata. Jargumenta illi l-obbligu li jigi accertat illi id-decizjoni tkun giet innotifikata lill-parti sokkombenti taqa' fuq l-ispalla ta'l-

Awtorita appellata u allura il-prova dwar in-notifika ta'l-istess ghandha issir mill-Awtorita u mhux minnu.

Illi ma jidhirx illi l-appellanti ressaq aggravvju in konnessjoni ma' dik il-parti decizorja tas-sentenza impunjata fejn gie deciz illi l-jedd ta'l-appell minn decizjoni ta'l-Awtorita dwar it-Trasport u dan fejn tigi inflitta multa amministrattiva kien johrog mill-artikolu 40 tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux mir-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li jimponi terminu ta' 21 jum ghall-prezentata ta' appell minn tali decizjoni. Illi l-artikolu in mertu jiddisponi illi:

**40. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf blartikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:**

**(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità:**

**Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità.**

U ghalhekk minn hawn johrog it-terminu ta' ghoxrin jum statutorju stabbilit ghall-intavolar ta'l-appell. Illi fi kwlaunkwe kaz id-differenza bejn dawn iz-zewg termini huwa wiehed minimu li ma jaghmel ebda effett fuq l-motivazzjoni raggunta mit-Tribunal ghal dak li jirrigwarda l-iskadenza tat-terminu koncess lill-appellanti.

Illi l-appellanti jikkontesta d-decizjoni impunjata, izda, fuq il-premessa illi l-oneru tal-prova ghar-rigward tad-data meta huwa irceva l-avviz tad-decizjoni ta'l-Awtorita kienet tinkombi fuq l-appellat u mhux fuqu, kif erronjament gie deciz, u dan gjaldarba kienet l-istess Awtorita li issollevat il-pregudizzjali dwar l-irritwalita ta'l-istess. Illi huwa fatt inkontestat illi in-notifika tad-decizjoni

mehuda mill-Awtorita appellanti issir permezz tal-posta ordinarja jew bil-*facsimile*. Illi ghalhekk l-uniku prova li kellha tressaq l-Awtorita appellata kienet illi hija segwiet il-procedura dettata bil-ligi u cioe' illi d-decizjoni intbaghtet lill-appellanti u dan jew bil-posta ordinarja, kif inghad, jew permezz ta' *facsimile* kif imfassal fir-Regolament 34 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Illi huwa biss wara li issir tali prova illi, l-oneru jaqleb ghal fuq l-appellanti sabiex iressaq il-prova dwar id-data meta huwa irceva l-istess. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-appell gie intavolat 28 gurnata wara d-data meta ittiehdet id-decizjoni u ghalkemm huwa ukoll minnu illi allura ma hemmx dubbju illi l-appellanti irceva tali decizjoni, madanakollu l-Awtorita ma ressqitx l-icken prova dwar meta hija allegatament baghtet l-ittra jew il-*facsimile* bid-decizjoni lill-appellanti. Illi d-difensur ta'l-appellat jikkontendi illi l-prassi minn naha ta'l-Awtorita hija illi d-decizjonijiet jintbaghtu fl-istess jum li jinghataw, izda ma ressqitx l-icken prova illi f'dan il-kaz fil-fatt hekk sar u li allura il-pregudizzjali sollevat minnha hija legalment fondata.

**"F'xi ligijiet specjali, aktarx recenti u modellati fuq legislazzjoni Ingliza, hemm mahluqa, dwar ittri mibghutin bil-posta u specjalment ittri registrati, certi presunzjonijiet rigward ir-ricezzjoni taghhom. Xi drabi dawn il-presunzjonijiet huma prima facie ta' prova kuntrarja u xi drabi konluzivi. ….**

**Jista forsi jinghad illi ghalina wkoll tapplika dik il-prezunzjoni generali li fis-sistema probatorju Ingliz titwieled minn dak li jghidulu *ir-regular course of business in a public office*, bazata fuq il-probabbilita li dak li jsir u jigri s-soltu sar u gara wkoll fil-kaz. Bis-sahha ta' din il-prezunzjoni, anki apparti minn kull disposizzjoni statutorja, fl-Ingilterra, huwa ritenut illi *if a letter properly directed is proved to have been either put into the post office, or delivered to the postman, it is presumed to have reached its destination at the regular time and to have been received by the person to whom it was addressed (ara Taylor – Law of Evidence)*.[1]"**

---

[1]Francis Vella vs Carmel Caruana deciza 05/06/1959

Illi l-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha iggib analogija ma' dak dispost is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 73 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm jikkoncerna il-ligi dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud izda jaghti spejgazzjoni dwar kif ghandha issir il-prova tan-notifika permezz tal-posta, meta hekk jipprovdi:-

**"Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata ... taht dan l-Att jista' jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta. Kemm il-darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviz mibghut bil-posta tkun ipprovata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta' indirizz f'Malta mhux aktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impostat u fil-kaz ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi wara dak il-jum meta l-avviz kien gie ricevut fil-kors ordinarju tal-posta ..."**

Illi f'decizjoni ghal finijiet tal-punt involut inghad:

**"Naturalment, fil-kaz li jintghazel il-mezz postali, id-disposizzjoni tesigi li l-avviz ikun indirizzat u impostat sew ghax inkella, il-konsegwenza tkun li ma tiskattax il-presunzjoni tan-notifika. Maghmula din il-prova, cirkostanzjali jew indizzjarja, "hemm il-*presumptio hominis vel facti* importanti ghall-Qorti, li *proof of postage is proof of delivery*." ("Joseph Borg et -vs- Joseph A. Bartolo", Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju 1980);[2]"**

Premess dan allura, l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tat-Tribunal illi kien jispetta lill-appellanti li iressaq prova dwar id-data tar-ricezzjoni tad-decizjoni billi kien jinkombi l-ewwel u qabel kollox fuq l-Awtorita illi tressaq il-prova illi d-decizjoni giet mibghuta minnufih lill-appellanti bil-mod stabbilit fil-ligi billi kif deciz ***proof of postage is proof of delivery*.** B'tali mod ghalhekk setghet tigi stabbilita l-presunzjoni tar-ricezzjoni taghha entro it-terminu ta'l-appell stabbilit

[2] Rockefella Co.Ltd. vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – deciza App.Inf. 28/02/2007

fil-ligi. Illi dan l-Awtorita ma ghamlitux u wara li issollevat dan il-pregudizzjali ma ressqitx l-icken prova in konnessjoni ma'l-istess. Kien ikun xieraq fic-cirkostanzi illi jigi esebiet il-*file* ta'l-appellanti sabiex ikun jista' jigi ivverifikat ghal ta'l-inqas il-mezz adoperat sabiex saret in-notifika tad-decizjoni lill-appellanti. Nuqqas dan illi ghandu certament iwiegeb ghalih l-appellat.

Maghdud dana kollu il-Qorti thoss illi ghandha tosserva illi illum fejn avviz ghandu effett illi jimponi multi u penali oneruzi fuq il-persuna sokkombenti jekk dan jibqa mhux impunjat, in-notifika ghandha issir b'tali mod illi ikun hemm prova cara dwar ir-ricezzjoni ta'l-istess u d-data meta issir tali notifika.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, id-decizjoni appellata imhassra b'dan illi l-atti qed jigu rimessi lit-Tribunal ghar-Revizjoni Amminsitrattiva sabiex il-kaz ikompli jigi trattat u deciz fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

L-ispejjez ghandhom jitbaghtew mill-Awtorita appellata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur